**Parlament Ewropew**
2014-2019

**0024/2016**

7.3.2016

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-appoġġ u l-istimolu tal-aċċess tan-nisa miż-żoni rurali għas-suq tax-xogħol

**Viorica Dăncilă (S&D), Clara Eugenia Aguilera García (S&D), Maria Noichl (S&D), Paolo De Castro (S&D), Eric Andrieu (S&D), Marc Tarabella (S&D), Czesław Adam Siekierski (PPE), Mairead McGuinness (PPE), Esther Herranz García (PPE), Ulrike Müller (ALDE), Maria Heubuch (Verts/ALE)**

Data ta' skadenza: 7.6.2016

**0024/2016**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, dwar l-appoġġ u l-istimolu tal-aċċess tan-nisa miż-żoni rurali għas-suq tax-xogħol**[1]

1. L-ugwaljanza bejn is-sessi hija valur komuni kondiviż fil-livell tal-UE u kundizzjoni neċessarja biex tippromwovi sens akbar ta' sodisfazzjon fil-forza tax-xogħol kif ukoll il-koeżjoni soċjali.

2. F'ħafna Stati Membri l-aċċess tan-nisa miż-żoni rurali għas-suq tax-xogħol huwa limitat, u l-possibilitajiet li jiżviluppaw negozju fis-settur agrikolu huma relattivament baxxi.

3. Din ir-realtà jikkonfermaha wkoll studju tad-DĠ AGRI ta' Mejju 2014, li juri li l-biċċa l-kbira tal-azjendi agrikoli fl-UE huma okkupati mill-irġiel u parti żgħira biss min-nisa.

4. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għalhekk huma mitluba jimpenjaw ruħhom li jappoġġaw u jistimolaw l-aċċess tan-nisa miż-żoni rurali għas-suq tax-xogħol bħala prijorità fl-azzjonijiet ta' żvilupp futuri tagħhom. Il-Kummissjoni hija wkoll mistiedna tipproponi livelli adegwati ta' finanzjament għal programm Ewropew speċifiku simili għal dak maħsub għaż-żgħażagħ, bħal pereżempju "Garanzija Ewropea għan-nisa miż-żoni rurali".

5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.